

# Il-Luzzu fil-vokabularju Malti

— J.J. CAMILLERI B.A., M.A., A.I.E. (Lond)

Il-Maltin għexu mill-aktar żminijiet imbegħda qrib il-ħajja tal-baħar, kemm bħala baħrin, sibbien, sajjieda kif ukoll, bħala bennejja tal-vapuri. Il-vapuri u x-xwieni tal-qlugħ ta' Malta kienu jżuru l-portijiet tal-Mediterran u oħrajn fl-Ewropa. Kienu jbaħħru 'l bogħod ukoll, waslu sa Boston, New Orleans, Montevideo, Rio de Janiero, Pernambuce ... imsemmijin it-tarznari privati Maltin kif kienu jibnu b'sengħa kbira u sabiħa. Rapport tal-1681 ifaħħar mhux ftit lill-baħħara Maltin. Fl-1830 kien hemm 161 vapur li fil-pruwa tagħhom kellhom imnaqqax isem Malta. Il-ħajja tal-baħar kienet waħda iebsa, l-avventuri u d-disgrazzji ma naqsu qatt.

Il-Maltin kienu superstizzjużi u biex jeħilsu mill-perikli tal-baħar, kienu jirrikorru għal kull ma ħasbu li kellu qawwa barranija - taħlita ta' devozzjoni reliġjuża bħat-talb, il-wegħdi, qima lil relikwi, tbaħħir biż-żebbuġ imbierek, ilma imbierek, u l-użu ta' riti pagani, bħad-dendil ta' amuleti u dak kollu li seta' jeħlishom mill-għajn. Fil-pruwa tad-dgħajjes kienu jnaqqxu forma ta' għajn, sew sew biex tħarishom mill-perikli tal-baħar. Baqgħet tidher tradizzjonalment sal-lum fuq il-luzzi u sa ftit ilu fuq il-lanec tal-pass.

Il-bniedem primittiv f'pajjiżna bla dubju kien sajjied, mhux biss tal-ħut imma tal-frott tal-baħar, qarnit, klamari, rizzi, imħar u bebbux. Ma nafux, iżda, kif kienu jistadu. Ħafna pendenti u ġiżirani preistoriċi li nstabu f'naħat ta' Malta huma magħmulin mill-bebbux, imħar u koċċli. Ismijiet fil-gżejjer tagħna juru r-rabta li kellhom ix-xjuħ tagħna mal-baħar. Il-kelma MARSA tfisser daħla fil-baħar, port żgħir kenni mill-irjieħ u mill-maltemp fejn is-sajjieda żammew il-biċċiet tal-baħar tagħhom. Marsalforn, Marsamxett, Marsaskala, il-Marsa, Marsaxlokk, kellhom u għad għandhom rabta mal-baħar u s-sajd.

Il-biċċa tal-baħar l-aktar popolari għas-sajjieda Maltin kienet u għada l-LUZZU (lozzu). Hu dgħajsa kbira b'forma partikolari b'saħħtu u jiflaħ għall-baħar. Sa ftit snin ilu kien jintuża għall-ġarr, imekkek il-ħin kollu bejn Malta u Għawdex. Kien dak iż-żmien ibaħħar bil-qlugħ u bl-imqadef. Kien ukoll magħruf bħala d-DGĦAJSA T' GĦAWDEX jew TAL-LATINI. L-isem 'tal-latini' ġej mill-kelma bil-Latin LANTEN li tfisser qlugħ. Il-luzzu kellu qlugħ għamla ta' triangolu, iżomm bil-ġemb kbir tiegħu ma' arblu, għalhekk l-isem 'tal-latini'.



Dgħajsa tipika Maltija bil-kuluri vivaċi li jispikkaw fil-baħar kaħlani

Il-luzzu għandu L-POPPA u L-PRUWA t-tnejn ta' l-istess għamla ġejjin għall-ponta. Il-poppa hija n-naħa ta' wara, meta jkun RIĦ IN POPPA, ir-riħ ikun ġej minn wara għalhekk il-luzzu ikollu l-vantaġġ li r-riħ jgħinu u jinbuttah 'il quddiem.

Iz-zokk matul taħt il-luzzu jgħidulu IL-PRIM. It-tarf ta' wara tal-prim ta' taħt l-ilma magħrufa bħala IL-KILJA, tilwi 'l fuq għal mal-poppa. Dik il-biċċa milwija jgħidulha IL-KARKANJOL. Il-prim ikollu miegħu kollu xifer ta' l-injam imqabbes il-barra, IĊ-ĊINTA. Maċ-ċinta kollha jkun hemm mifruxa biċċa ġilda stirata, IL-KURIĠĠA, biex tilqa' l-prim milli jittiekel meta jitkaxkar ma' l-art.

L-istorja tal-flotta merkantili Maltija, tal-braken, brigantini u skejjen ta' l-injam hi waħda twila u interessanti. Kollha kienu opri tal-baħar ma jgħaddihom ħadd għas-sbuħija, saħħa u indafa....

Il-qiegħ tond tal-luzzu mibni fuq il-prim jgħidulu IĊ-ĊAN. Il-ġnub tiegħu jissaħħu b'seratizzi ta' l-għuda, xi drabi tal-ħadid, speċi ta' travi angolati, dawk huma L-BRAZZOLI. IL-MAJJIERI, għad li listi irqaq ta' l-injam



dojoq u mqawsin, ikunu b'saħħithom u jservu ta' qafas tal-qiegħ u ż-żaqq li fuqhom tinbena il-biċċa tal-baħar. Il-biċċa ċ-ċatta li tagħmel parti mill-majjieri maż-żaqq u l-ġnub hi L-ISTAMNARA. IL-PALJOL jitqiegħed fil-qiegħ tal-luzzu biex il-majjieri u l-istamnari ma jintrifsux, jista' jiżżarma dan IT-TAVLAR.

Il-wiċċ ta' fuq ta' l-injam tal-luzzu hu L-GVERTA. Minn hawn isir is-sajd għalhekk fuq il-gverta jkun hemm IL-KASSRU u L-KAPRABANK TAL-KASSRU biex wieħed iżomm miegħu bħala poġġaman f'baħar qawwi. Matul il-gverta hemm mill-pruwa sal-poppa speċi ta' gandott, IT-TRINKARIN, biex jilqa' l-ilma mill-gverta u minn toqob żgħar fuq in-naħa ta' barra tal-gverta jmur għal isfel fil-baħar. Il-ħanek mad-dawra ta' fuq taċ-ċinta barra mill-ilma hu IL-BARDNELL. IL-BATTUSA, biċċa njama żgħira tissammar wieqfa fil-bardnell, fiha jidħol L-ISKALM li miegħu jintrabat il-moqdief b'biċċa ħabel, L-ISTROPP. L-injama msammra bejn il-battusa u L-MAKKARUNETTA (dik l-injama forma ta' pum bil-boċċa) hi L-FALKA.



**L-għajn fuq kull naħa tad-dgħajsa Maltija - tradizzjoni antika ħafna**

Il-luzzu jiġi kontrollat mit-TMUN li jiddawwar 'l hawn u 'l hemm bil-LAĊĊ (il-maqbad). Mal-ġenb tal-gverta jkun hemm IL-KURTUN, kanal fejn jitqiegħed għal ftit tal-ħin il-ħut maqbud. Meta jistadu JKOLJU x-xibka jew IL-KONZ. Meta jitfgħu IĊ-ĊIMI jorbtuhom mill-poppa u l-pruwa. Il-lampuka (lampuka, lampuka rari, lampuka torka) hi l-ħuta ta' l-istaġun u għandha valur kummerċjali. Ma tħobbx temperatura kiesħa għalhekk mhux faċli tkabbarha fit-tankijiet. Tħobb il-baħar fond, jistaduha l-aktar permezz tal-KANNIZZATA, sufri jew palm fil-wiċċ immażżrati ma' qiegħ il-baħar, magħrufin bħala ĊIMI. Il-ħut ipoġġi taħt iċ-ċimi għad-dell, mbagħad idawruh b'xibka li tingħalaq min-nofsha, mill-FUNTI, 'l barra. Bil-lejl jistadu bil-LAMPARA.

Il-luzzu jintrabat fil-menqa billi JERSAQ max-xatt GĦAŻ-ŻAQQ, jintrabat miz-ZOKK b'ħabel ieħor, IL-GORĠA. Meta jkun fl-art jitqiegħed fuq IL-POSTI



**Il-Menqa... port ċkejken u kenn għad-dgħajjes marbuta**

u L-BANKETTI. IVARAWH (iniżżluh il-baħar) fuq IL-PARATI.

Il-kelma 'luzzu' (lozzu) hu mill-Isqalli ALUZZO, jew mit-Taljan LUCCIO (isem ta' ħuta li tgħix ukoll qrib Malta.

Meta jkun il-maltemp il-luzzu jitgħatta bil-KABUŻ, inċirata jew drapp ieħor. L-injama li jintrama fuqha il-kabuż jgħidulha L-IMQASS.

Flok l-imqadef illum jaħdem bil-magna li titpoġġa fuq is-sodda. Il-virga ħoxna ta' l-iskrun tgħaddi mit-toqba tal-KATUSA li tkun isserraħ fil-BEJTA.

Dawn it-termini jgħoddu wkoll għall-frejgatini, kajjikki, skifijiet, braken, skejjen, u brigantini.